

32004R0635

L 100/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 635/2004**tal-5 ta' April, 2004****li jiffissa r-rati tal-kambju li japplikaw għal xi għajnuniet diretti jew għal xi miżuri strutturali jew ambjentali fl-2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1410/199 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2808/98 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agromonetarja għall-euro fl-agrikoltura u jemenda t-tifsira ta' ċerti avvenimenti applikabbli previsti fir-Regolamenti (KEE) Nru 3889/87, (KEE) Nru 3886/92, (KEE) Nru 1793/93 u (KEE) Nru 2700/93 u (KE) Nru 293/98 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agromonetarja għall-euro fl-agrikoltura ⁽³⁾, u b'mod partikolari t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4 ⁽⁴⁾ tiegħu,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2550/2001 tal-21 ta' Diċembru 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-ngħaġ u tal-mogħoż f'dak li huma skemi bi premium u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2419/2001 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 18a tiegħu,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2342/1999 tat-28 ta' Ottubru 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella f'dak li huma skemi bi premium ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98, l-avveniment li japplika għall-kambju tar-rata għal għajjnuna għal uċuħ ta' enerġija msemmi fit-Titolu IV, Kapitulu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ⁽⁶⁾ hu l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha tingħata l-għajjnuna,

- (2) Skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98, l-avveniment li għandu japplika għall-kambju tar-rata għal ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali hu l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha tkun ittieddet id-deċiżjoni biex tingħata l-għajjnuna.

- (3) Skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98, ir-rata ta' kambju li għandha tintuża hi l-medja tar-rati ta' kambju applikabbli matul ix-xahar ta' qabel id-data ta' l-avveniment applikabbli, kalkolata pro rata temporis.

- (4) Skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/98 ta' l-4 ta' Frar 1998 li jiddetermina l-avvenimenti applikabbli li jgħoddu għal prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, għal prodotti tal-frott u ħxejjex ipproċessati u sa ċertu punt għal pjanti ħajjin u prodotti tal-florikultura u għal xi prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat tal-KE, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1445/93 ⁽⁷⁾, ir-rata ta' kambju applikabbli għall-konverżjoni ta' kull sena f'munita nazzjonali ta' l-ogħla għajjnuna għal kull ettaru biex jitjiebu l-kwalità u l-marketing ta' ġewż u frott ieħor bħal dan u frott tal-ħarrub hi l-medja tar-rati ta' kambju applikabbli matul ix-xahar ta' qabel l-1 ta' Jannar tal-perjodu annwali ta' riferenza, kalkolata pro rata temporis

- (5) Skond l-Artikolu 18a tar-Regolament (KE) Nru 2550/2001, l-avveniment applikabbli għar-rata ta' kambju li għandu jkun applikat għall-premiums u l-ħlasijiet fis-settur tal-laħam tan-ngħaġ u tal-mogħoż jiġi stabbilit fil-bidu tas-sena kalendarja li fiha l-premium jew il-ħlas ikunu ingħataw. Ir-rata ta' kambju li għandha tintuża tkun tikkorrispondi għall-medja tar-rati ta' kambju li jkun japplikaw fix-xahar ta' Diċembru ta' qabel id-data ta' l-avveniment applikabbli, kalkolata pro rata temporis.

- (6) Skond l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 2342/1999, id-data li fiha trid tintbgħat l-applikazzjoni hi l-avveniment applikabbli biex tiġi determinata s-sena li fiha għandhom ikunu allokat l-premium speċjali, il-ħlas għal baqar li jreddgħu, il-premium konness mat-tneħħija ta' l-istaġuni u l-ħlas għall-estensifikazzjoni. Fil-każ tal-premium għall-qatla is-sena ta' l-allokkazzjoni tkun is-sena tal-qatla jew ta' l-esportazzjoni. Skond l-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament, premiums u ħlasijiet fis-settur taċ-ċanga jiġu konvertiti f'munita nazzjonali fuq il-bażi tar-rati ta' kambju applikabbli fix-xahar ta' Diċembru ta' qabel is-sena ta' l-allokkazzjoni, kalkolati pro rata temporis.

⁽¹⁾ ĠU L 349, tal-24.12.98, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 164, tat-30.06.99, p. 53.

⁽³⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2304/2003 (ĠU L 342, tat-30.12.2003, p.6).

⁽⁴⁾ ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 105. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2307/2003 (ĠU L 342, tat-30.12.2003, p. 11).

⁽⁵⁾ ĠU L 281, ta' l-4.11.1999, p. 30. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1473/2003 (ĠU L 211, tal-21.8.2003, p. 12).

⁽⁶⁾ ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 30. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 8).

⁽⁷⁾ ĠU L 30, tal-5.2.1998, p. 16. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1410/1999 (ĠU L 164, tat-30.6.1999, p. 53).

- (7) Ir-rata ta' kambju applikabbli fl-2004 għall-ammonti u l-ghajjnuna konċernati għandha għalhekk issir fuq il-bażi tal-medja tar-rati ta' kambju applikabbli fix-xahar ta' Diċembru 2003, kalkolata *pro rata temporis*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Fl-2004, ir-rati ta' kambju murija fl-Anness għandhom japplikaw għal dawn li ġejjin:

- (a) l-ghajjnuna għal uċuħ ta' enerġija msemija fit-Titolu IV, Kapitolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (b) ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali msemija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98;

- (ċ) l-ogħla ammont kull ettaru ta' ghajjnuna għal marketing fis-settur tal-ġewż u frott bħalu u għal frott tal-ħarrub li jidher fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 790/89 ⁽¹⁾;

- (d) il-*premiums* u l-ħlasijiet fis-settur tal-laħam tan-ngħaġ u tal-mogħoż preskritti fl-Artikoli 4, 5 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 ⁽²⁾;

- (e) il-*premiums* u l-ħlasijiet fis-settur taċ-ċanga previsti fl-Artikoli 4, 5, 6, 11, 13 u 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 ⁽³⁾

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 85, 30.03.89, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 341, 22.12.01, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 160, 26.06.99, p. 21.

ANNESS

Rati ta' kambju msemmija fl-Artikolu 1

EUR= (medja għal mill-1 ta'Diċembru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003)

7,44173	Krone Daniżi
9,02775	Kroni Svediżi
0,701706	Liri Sterlini